Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 530/2016

Il-Pulizja

Vs

Louis Grixti

Illum 22 ta' Marzu, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Louis Grixti detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 137581M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Mid-19 ta' Gunju, 2016 sad-19 ta' Lulju, 2016 f'dawn il-Gzejjer:

1. Naqas li jghati lil Mary Ann Therese Calleja, is-somma ta' 250 Euro, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-prosekuzzjoni u kkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni. Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Louis Grixti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet il-htija u tirriformha in kwantu ghal piena billi timponi piena aktar mita u idoneja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Louis Grixti:

Illi dan huwa appell limitat ghal piena;
Illi l-appellant jixtieq jghamilha cara li l-hlas tal-manteniment b'mod tardiv m'huwiex sforz ta' xi kapricc tieghu izda huwa biss minhabba l-problemi finanzjarji serji li ghaddej minnhom l-appellant li wasslu biex jaghmluha impossibli ghalih li jhallas il-manteniment fil-hin;
Illi l-appellant huwa wkoll missier ta' zewgt itfal ohra, b'wahda minnhom qed ibati hafna tbatija minhabba l-prolemi finanzjarji serji li ghaddej minnhom;
Illi l-appellant jissottometti illi l-piena ta' xahrejn detenzjoni, ghalkemm fil-parametri tal-ligi, hija eccessiva ghall-ahhar, ma tiehux in konsidrazzjoni l-fatturi li jimmitigaw ir-reat u m'hu se sservi ghal xejn hlief li l-appellant ikompli jmur lura fil-posizzjoni finanzjarja tieghu biex b'hekk il-habs, flok, deterrent isir cirku vizzjuz.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta ta' llum jirrizulta illi ko-litigandi lahqu ftehim bejniethom dwar il-hlas tal-manteniment indikat fl-akkuza. Illi dain il-fatt ma jezonerax lill-appellant mill-htija ghar-reat lilu adebitat. Madanakollu, stante l-ftehim hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tvarja d-deċiżjoni appellata billi tikkonferma l-parti fejn l-appellant instab ħati tal-akkuża dedotta kontrih iżda tvarja l-piena nflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena.

Il-Qorti wissiet lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk jikkometti reat ieħor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imħallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Reġistratur